





# Il-Maltin Iqimu lil Sta. Katarina ta' Lixandra

Is-Sur Carmelo P. Baldacchino

M'hemmx għalfejn li noqgħod insemmi ż-żewġ parroċċi ddedikati lil Santa Katerina Verġni u Martri ta' Lixandra, li huma dik taż-Żurrieq u taż-Żejtun, peressli nkiteb ħafna dwarhom. Imma issa ser induru dawra mal-gżejjer tagħna fejn ser insibu numru mhux ħażin ta' knejjes fid-diversi bliet u rħula tagħna, li ilhom iddedikati lil Santa Katerina ta' Lixandra, minn meta bdiet tinxtered id-devozzjoni lejha. Ta' min jgħid li għalkemm kien hemm uħud li kienu mibnija u li kellhom devozzjoni lejn il-qaddisa, din kompliet tikber fi żmien il-Papa Ġwanni XXII (1316-1334), dak l-istess Papa li kien ordna li fil-knejjes tal-Punent għandha ssir il-festa ta' Santa Katerina V.M nhar il-25 ta' Novembru. Dak iż-żmien diġa` kien hemm xi knejjes iddedikati lilha u nbnew oħrajn ġodda. Dan juri li sa minn żmien twil qabel, il-Maltin kellhom qima w imħabba lejn din ix-xebba Lixandrina, għarusa ta' Kristu. Allura mhux qiegħdin ngħidu ħwejjeġ esaġerati, meta ngħidu li l-qima lejha kienet imdaħħla fil-qlub tal-Maltin. Għalkemm kif diġa` għedna li l-Papa Ġwanni XXII għamel devozzjoni speċjali lejn din il-qaddisa fil-knejjes tal-Punent, f'Malta kien hawn diversi knejjes iddedikati lilha. Li l-isem ta' Santa Katerina kien għażiż u antik ħafna f'Malta narawh fil-ħafna artijiet li kienu jmissu lil Kantur tal-Katidral, u dawn mid-dokument jirriżulta li kienu jissejħu "Il-Prebenda ta' Santa Katerina". Issa din il-prebenda mhiex xi ħaġa ta' żmienna. Le, hi ħaġa antika ħafna u għandha minn meta fis-sena 1090, il-Konti Ruġġieru wara li keċċa lis-Saraċini mill-gżejjer tagħna, ġedded il-knisja tal-Katidral u ddotaha b'ħafna raba'. Din il-Prebenda kienet tmiss lill-Kantur. Mela, jekk dan l-isem għażiż ġie magħżul għall-Prebenda ta' Santa Katerina, ta l-aqwa Kanonikat hekk kmieni jiġifieri fis-sena 1090, dan juri li ħadd ma jista' jmeri li l-isem tal-Verġni u Martri Santa Katerina ta' Lixandra kien diġa` magħruf u meqjum mix-xjuħ ta' dawn il-gżejjer. Juri wkoll illi kien hemm artijiet imħollija għaliha, u billi l-artijiet ma kinux f'dawk iż-żminijiet jissejħu għall- qaddis jew qaddisa bla ma fihom jitwaqqaf lok biex fih tingħata qima lill- istess qaddisa, nifhmu illi diġa` kien hemm lok iddedikat lil Santa Katerina ta' Lixandra f'dawn l-inħawi, u dan iġibna fejn qiegħdin ngħidu, illi l-qima tal-Maltin lejn Santa Katerina kellha bidu wisq qabel iż-żmien li ġie il-Konti Ruġġieru biex iwaqqaf mill-ġdid il-Katidral tagħna u l-Prebenda tagħha.

Meta ġew il-Kavallieri ta' San Ġwann f'Malta, il-belt Valletta kienet għadha mhux mibnija u ma bdewx jabitaw l-Imdina u nħawi fil-qrib, imma billi kellhom ħafna xwieni bdew jabitaw il-Birgu fejn kellhom ħafna kenn għall-flotta tagħhom.

Il-knisja ta' San Lawrenz jużawha għas-servizzi reliġjużi tagħhom tant li jingħad li rregalaw sett arazzi dwar il-ħajja ta' Santa Katerina. Dawn kienu nħarqu meta qabdu minn xi xemgħa li tħalliet tixgħel. Fl-istess kolleġġjata hemm diversi pitturi u anke statwa u fratellanza ta' Santa Katerina. Il-Kavallieri raw li l-Birgu kien żgħir wisq għalihom u għalhekk bdew il-bini tal-belt Valletta fejn bnew il-bereġ għal kull Lingwa, palazzi għalihom, diversi knejjes fosthom il-famuż Kon-katidral ta' San Ġwann fejn hemm il-kappella tal-Lingwa Taljana ddedikata lil Santa Katrina. Bnew knisja oħra lilha msejħa Santa Katerina d'Italia. Tista' tgħid li f'kull knisja hemm xi artal jew pittura ta' Santa Katrina. Imma l-aktar dak il-Monasteru msemmi għaliha tas-Sorijiet Agostinjani tal-

*Ikompli...*



klawsura fejn kull sena għadhom jagħmlu l-festa ta' Santa Katerina fil-25 ta' Novembru. Anke għamlu statwa ta' Santa Katerina li nħadmet mis-Sur Manuel Zammit miż-Żejtun.

**Knejjes iddedikati lil Santa Katerina.**

Madwar Malta u Għawdex insibu diversi knejjes jew kappelli ddedikati lilha. Fir-Rabat hemm knisja ċkejkna imma sabiħa ħafna li nbniet fl-1500 u wara reġgħet ġiet mibnija mill-ġdid fl-1639 minn wieħed devot lejn il-qaddisa, Santa Katerina mibnija minn flus ta' Marianu Mangiun fl-1608, li nbniet flok oħra iktar antika ta' Santa Katerina tax-Xewki.

Knisja oħra ta' Santa Katerina li hi waħda mill-aktar qodma f'Malta hi dik tal-Gudja, imma dik li naraw issa ġiet mibnija fuq il-qadima fl-1661 mill-Arċidiacono MikielAngelo Dei Baroni Galea.

Id-devozzjoni lejn Santa Katerina kienet imxerda f'diversi rħula f'Malta. Fis-seklu XII, twaqfet knisja oħra f'Ħal Qormi li għadha hemm



*Kappella tal-Italja*
*Kon-Katidral - Valletta*



*Mużew Nazzjonali*
*tal-Arti - Valletta*



*Knisja Parrokjali*
*San Lawrenz - Birgu*



*Monasteru*
*Sta. Katarina - Valletta*



*Monasteru*
*Sta. Katarina - Valletta*

jismu Indri Vassallo. F'din il-knisja ssir il-festa kull sena bil-purċissjoni u l-banda tar-Rabat.

Birkirkara hemm knisja oħra ddedikata lil Sant' Antnin ta' Padova u lil Santa Katerina ta' Lixandra mibnija minn Leonardu Tonna fl-1620. Fl-1654 ġiet iprofanata u reġgħet ġiet imbierka fl-1759.

In-Naxxar f'Wied il-Għasel hemm knisja ta' sal-lum, għalkemm ġiet irranġata fl-1696.

Knisja oħra lil Santa Katerina nsibuha l-Imqabba. Din inbniet flok żewġ kappelli,; waħda lil San Pietru u l-oħra lil Santa Katerina li kellhom mill-1550 u l-ġdida nbniet fl-1759 minn Ġwanni Schembri fis-sena 1761.

Fil-Qrendi hemm knisja oħra fil-lok imsejjaħ Tat-Torba, li aktarx kien post tad-dfin. Nafu



*Id-Daħla*
*ir-Rabat - Malta*



*Knisja Parrokjali*
*Siġġiewi*



*Monasteru tas-Sorijiet*
*Agostinjani - Valletta*





li l-ewwel knisja kienet tissejjaħ "Ta' bieb iż-Żejtunija" li jingħad li kien hemm xi mara miż-Żejtun li bniet din il-knisja fl-1626 minn ċertu Beneditt Camilleri.

F'Għawdex kien hemm knisja ta' Santa Katerina fl-inħawi msejħa "Ta' Kabesa". F'diversi parroċċi u knejjes oħra fil-gżira Għawdxija naraw xi pittura oħra ta' Santa Katerina. Madwar Malta naraw diversi niċeċ u ismijiet ta' toroq li jisimhom "Triq Santa Katerina".


# Ta' Ġanna Bar

Luqa Briffa Street, Żejtun • Tel: 2182 2832, 2169 5833

**IL-BARMAN**

**Jawgura l-festa t-tajba liż-Żwieten kollha.**

*Bar airconditioned fejn kull nhar ta' Sibt u Ħadd iservu appetizers filwaqt li l-Ħadd filgħodu jkun hemm l-Għana wkoll.*







Hair Salon

**28,**
**Gregorio Bonnici Square,**
**Żejtun**

Tel: 2167 3583
winter1mood@yahoo.com